MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 2645/2000/1

**Mark Gaffarena**

**Vs**

**Nazzareno Attard Montalto**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attur fl-20 ta' Dicembru, 2000, li in forza tieghu, wara li ppremetta:

1. Illi l-partijiet dahlu f'att ta' konvenju fit-18 ta' Novembru 2000 sabiex l-attur jixtri r-razzett bin-numru mija u wiehed u ghoxrin (121) qabel numru sebgha u tmenin (87) fi Triq Burmarrad, Burmarrad flimkien ma' raba li hemm mieghu maghruf ta' Lippin li fih kejl ta' cirka hmistax-il elf u ghoxrin metri kwadri (15020mk) liberu u frank bid-drittijiet u il-pertinenzi kollha tieghu inkluza l-arja u soggett ghas-servitujiet imsemmija fil-konvenju;

2. Illi wara li kien sar dan il-konvenju, il-konvenut kien talab li jew jithassar il-konvenju jew jinghata aktar flus;

3. Illi in kawtela tad-drittijiet tieghu, l-attur talab u ottjena il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 4082/00l

4. Illi l-attur kien gien nfurmat illi l-konvenut, ma kienx sejjer jaddivjeni ghall-att finali u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghalhekk l-attur talab li din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna l-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss minn din il-Qorti, jaddivjeni ghall-att ta' bejgh finali tal-proprjeta' indikata fl-att tal-konvenju datat 18 ta' Novembru 2000 u dana quddiem in-Nutar Charles Mangion u tinnomina kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi qabel xejn l-attur kien imissu pprezenta kopja tal-konvenju imsemmi fl-att tac-citazzjoni u ghandha ssir korrezzjoni fil-kunjom tal-eccipjenti billi l-kunjom huwa "Attard Montalto" u mhux "Attard Montaldo".

2. Illi minghajr pregudizzju tal-premess l-azzjoni attrici hija iritwali peress illi c-citazzjoni odjerna ma gietx preceduta b'ittra ufficjali ghat-tenur tal-ligi.

3. Illi minghajr pregudizzju tal-ewwel zewg eccezzjonijiet l-azzjoni hija intempestiva peress li t-terminu konvenut fl-imsemmi konvenju ghadu ma skadiex.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-1 ta' Marzu, 2001, li biha ordnat korrezzjoni fl-isem tal-konvenut biex b'hekk idderimiet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Marzu, 2002, li in forza taghha cahdet it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut Attard Montalto, u ordnat li l-kawza tghaddi ghas-smiegh tal-provi fil-meritu; bl-ispejjez jigu riservati ghas-sentenza finali;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-12 ta' Frar, 2003, u tal-11 ta' Marzu, 2003, li in forza taghhom cahdet talba ghas-sospensjoni tas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi mill-premess jidher li bil-provvedimenti u s-sentenza preliminari li tat din il-Qorti f'din il-kawza gew sorvelati l-eccezzjonijiet kollha li kienu gew sollevati mill-konvenut. Peress li ma fadal ebda eccezzjoni x'tigi mistharga, il-

Qorti trid, allura, tara jekk, fid-dawl tal-provi, il-kawza tal-attur m'hijiex sorretta fil-ligi.

Mill-atti tal-kawza, jirrizulta li l-partijiet fit-18 ta' Novembru, 2000, dahlu f'konvenju sabiex il-konvenut jittrasferixxi lill-attur ir-razzett bin-numru 121, qabel numru 87, fi Triq Burmarrad, Burmarrad, flimkien ma raba' li hemm mieghu maghruf  "ta' Lippin" li fiha kejl ta' circa 15,020 metri kwadri, liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu, inkluza l-arja tieghu, u soggett ghas-servitujiet imsemmija fl-istess konvenju. Il-bejgh gie patwit li kellu jsir bil-prezz ta' Lm30,000, li minnhom thallsu Lm5,000 bhala depositu fuq il-konvenju. Il-partijiet, jidher, li ma akkordawx mill-ewwel fuq il-prezz tal-oggett in vendita, peress li l-venditur, ghall-ewwel ried, Lm150,000, wara nizel ghal Lm60,000, izda eventwalment accetta li jbiegh bil-prezz ta' Lm30,000 u iffirma konvenju b'dak il-prezz. Jidher, li wara li ffirma l-konvenju, il-konvenut sab persuna li kien lest joffrilu somma izjed u, minhabba f'hekk, ma riedx jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali.

Din pero', m'hix raguni valida fil-ligi biex venditur fuq konvenju ma jersaqx ghall-kuntratt. Ma jirrizultax li l-konvenut kien, b'xi mod, imgieghel jiffirma li l-konvenju tat-18 ta' Novembru, 2000, u ma jidher li ma hemm ebda ostakolu ta' ordni pubbliku li din il-Qorti tista' tqajjem *ex officcio* biex izomm l-iffirmar tal-att finali. Il-konvenju hu validu, u fih indikazzjoni cara tal-oggett u tal-prezz; din il-kawza saret tempestivament u waqt li l-istess konvenju kien ghadu fis-sehh.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet permessi, tiddisponi minn din il-kawza, billi tilqa' t-talba tal-attur, u tordna lill-konvenut jaddivjeni fuq l-att finali ta' bejgh a tenur tal-konvenju iffirmat bejn il-partijiet fit-18 ta' Novembru, 2000, u tinnomina lin-Nutar Dottor Charles Mangion bhala Nutar biex jippubblika l-att finali, u tahtar lill-Avukat dottor Marco Ciliberti bhala kuratur biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci, u tordna li l-att ta' bejgh jigi ppubblikat nhar il-Gimgha, 11 ta' April, 2003, fill-11.00a.m. fl-edificcju tal-Qrati Superjuri.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluz tas-sentenza preliminari ta' din il-Qorti, jithallsu mill-konvenut.

---------------------------------TMIEM---------------------------------